**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 26 ta` Novembru 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 942/2019 JZM**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**kontra**

1. **Karas Company Limited**

2. **Magded Fawzy Shokry Iskander**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-4 ta` Ottubru 2019 bil-procedura sommarja specjali li jaqra li hekk :–

*1. Illi l-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskander, bhala rapprezentant u direttur tas-socjeta` intimata Karas Company Limited (C-63986), dahal fi ftehim mas-socjeta` rikorrenti, kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati AMSM 002-004, permezz ta` liema ftehim is-socjeta` rikorrenti kienet tforni lis-socjeta` konvenuta*

*b`diversi prodotti alimentari ghall-bejgh f`varji stabbilimenti u permezz ta` liema ftehim l-intimat Magded Fawzy Shokry Iskander ntrabat personalment bhala garanti tal-ammonti dovuti mis-socjeta` konvenuta;*

*2. Illi l-konvenuti waqghu lura fil-pagamenti b`dan li llum l-konvenuti huma solidalment debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma bilancjali ta` sitta u hamsin elf u sebgha mija u disgha u tmenin ewro u disgha u tletin centezmu (€56,789.39) rapprezentanti l-prezz ta` oggetti u merci mibjugha u debitament konsenjati kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dok. AMSM 005-007, minbarra l-imghaxijiet ulterjuri;*

*3. Illi minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-hlas tal-prodotti konsenjati, l-intimati naqsu milli jaghmlu hekk u baqghu inadempienti u ghalhekk kellha ssir din ll-kawza;*

*4. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta` l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12)sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh stante illi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, il-konvenuti m`ghandhom l-ebda eccezzjoni x`jaghtu kontra t-talbiet tas-societa` rikorrenti.*

*5. Illi l-esponent jaf b`dawn il-fati personalment;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, s-socjeta` attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni.*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta` l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri solidali tas-socjeta` attrici fis-somma ta` sitta u hamsin elf u seba` mija u disgha u tmenin ewro u disgha u tletin centezmu (€56,789.39);*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment li jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` sitta u hamsin elf u seba` mija u disgha u tmenin ewro u disgha u tletin centezmu (€56,789.39);*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenuti skont il-ligi flimkien mal-avviz tal-kawza.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-kawza.

Billi t-talbiet attrici kienu ammessi mill-kumpannija konvenuta b`nota li pprezentat fl-udjenza tal-lum.

Billi fil-kors tal-udjenza tal-lum, wara li semghet lid-difensur tal-konvenut, iddikjarat li fil-fehma taghha l-konvenut ma gabx fatti jew punti ta` ligi li kienu bizzejjed sabiex jaghtu dritt lill-konvenut sabiex jopponi t-talba attrici.

Ezaminati l-atti.

Rat l-Art 170(1) tal-Kap 12.

Billi t-talbiet huma ppruvati kontra z-zewg konvenuti, fil-kaz tal-kumpannija konvenuta bl-ammissjoni taghha tat-talbiet attrici, u fil-kaz tal-konvenut bil-fatt illi fil-kwadru tal-azzjoni attrici ma gabx fatti jew punti ta` ligi li kienu bizzejjed sabiex jaghtuh dritt li jopponi t-talba attrici.

**Taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri solidali tas-socjeta` attrici fis-somma ta` sitta u hamsin elf u seba` mija u disgha u tmenin ewro u disgha u tletin centezmu (€56,789.39).**

**Tikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex ihallsu lis-socjeta`attrici s-somma ta` sitta u hamsin elf u seba` mija u disgha u tmenin ewro u disgha u tletin centezmu (€56,789.39), bl-imghax kif kif mitlub.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidament bejniethom ihallsu l-ispejjjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**